taħt l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 313(2)(a) tar-Regolament Nru 2545/93, kif emendat bir-Regolament Nru 75/98, peress li l-istatus ta' merkanzija Komunitarja huwa rrikonoxxut biss fir-rigward ta' merkanzija li fir-rigward tagħha tkun ġiet prodotta l-prova li din ġiet issuġġettata għall-proċeduri ta' rilaxx għal ċirkulazzjoni libera fit-territorju doganali tal-Unjoni.

(1) ĠU C 52,12.02.2018

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tas-6 ta' Marzu 2019 — BMB sp. z o.o. vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), Ferrero SpA**

**(Kawża C-693/17 P)** (1)

***(Appell — Disinn Komunitarju — Regolament (KE) Nru 6/2002 — Artikolu 25(1)(e) — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Disinn li jirrappreżenta kaxex tal-ħelu — Dikjarazzjoni ta' invalidità)***

(2019/C 148/05)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* BMB sp. z o.o. (rappreżentant: K. Czubkowski, radca prawny)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentanti: S. Hanne u D. Walicka, aġenti), Ferrero SpA (rappreżentant: M. Kefferpütz, Rechtsanwalt)

**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.

2) BMB sp. z o.o. hija kkundannata għall-ispejjeż.

(1) ĠU C 142, 23.4.2018.